MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 759/2014

***Bank of Valletta p.l.c.***

**(C – 2833)**

**vs**

**Ronald Henry u Maria Anna mizzewgin Chetcuti**

**(K.I. numru 395985 M u 739462 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-2 ta' Settembru, 2014, li pemezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi permezz ta' zewg (2) skritturi privati rispettivament datati l-15 ta' Settembru, 2005 u t-23 ta' Mejju, 2011, (ara foll 4 u 7), is-socjeta` rikorrenti kkoncediet facilitajiet bankarji lill-intimati;

1.2. Illi rizultat tal-istess is-socjeta` rikorrenti hi kreditrici tal-intimati fi-somma ta' tlettax -il elf, disa` mija u tnejn u erbghin Ewro u dsatax –il centezmu, (€13,942.19), bilanc kif deskritt fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll numru 1);

1.3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq indikati, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel), u kif indikati wkoll fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 1);

1.4. Illi nonostante li interpellati biex ihallsu l-ammont minnhom dovut lis-socjeta` rikorrenti, l-intimati baqghu inadempjenti;

1.5. Illi ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jwiegbu ghat-talbiet tal-istess socjeta` u jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq indikati;

1.5.2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' tlettax -il elf, disa` mija u tnejn u erbghin Ewro u dsatax -il centezmu, (€13,942.19), bilanc hekk minnhom dovut lill-istess socjeta`, oltre l-imghax ulterjuri mill-24 ta' Lulju, 2014, sad-data tal-effettiv pagament;

1.5.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

1.6. Rat id-dokumenti esebiti;

1.7. Rat in-nota ta' riduzzjoni datata t-30 t'Ottubru, 2014, li permezz taghha s-socjeta` rikorrenti rriduciet is-somma minnha mitluba ghal tnax -il elf, disa` mija u hamsa u sittin Ewro u tliet centezmi, (€12,965.03), u ghall-imghax legali mid-29 t'Ottubru, 2014, sad-data tal-effettiv pagament, (ara foll 30);

1.8. Rat in-nota tal-intimati konjugi Chetcuti, ukoll datat t-30 t'Ottubru, 2014, li permezz taghha ammettew it-talba tas-socjeta` rikorrenti kif ridotta, (ara foll 31);

Ikkunsidrat:

2.0. Illi in vista tan-nota t'ammissjoni riferita fil-paragrafu precedenti din il-qorti tqis li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

2.1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq indikati;

2.2. Tikkundanna lill-intimati Ronald Henry u Maria Anna konjugi Chetcuti biex ihallsu s-somma ta' tnax –il elf, disa` mija u hamsa u sittin Ewro u tliet centezmi, (€12,965.03), flimkien ma' l-imghax legali dovut mid-29 t'Ottubru, 2014, sad-data tal-effettiv pagament;

2.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-istess intimati fuq imsemmija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------